

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Frar 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hog
Raad der Nederlanden — il-Pajjiżi l-Baxxi) — NK, fil-kwalità tiegħu ta' likwidatur tal-fallimenti ta' PI
Gerechtsdeurwaarderskantoor BV u ta' PI vs BNP Paribas Fortis NV**

(Kawża C-535/17) (1)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji
ċivili — Ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali — Regolament (KE) Nru 44/2001 u Regolament (KE) Nru
1346/2000 — Kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi — Falliment ta' uffiċjal ġudizzjarju — Azzjoni mressqa mil-
likwidatur responsabbli għall-Amministrazzjoni u ta' falliment)*

(2019/C 131/10)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hog Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: NK, fil-kwalità tiegħu ta' likwidatur tal-fallimenti ta' PI Gerechtsdeurwaarderskantoor BV u ta' PI

Konvenut: BNP Paribas Fortis NV

Dispożittiv

L-Artikolu 1(1) u (2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandha bħala suġġett talba għad-danni għal responsabbiltà delittwali jew kważi delittwali, eżerċitata mil-likwidatur fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment u li, fil-każ ta' suċċess, il-massa tal-kredituri, taqqa' taħt il-kunċett ta "materji ċivili u kummerċjali", fis-sens tal-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni u, għaldaqstant, taħt il-kamp ta' applikazzjoni ratione materiae tal-imsemmi regolament.

(1) ĠU C 412, 4.12.2017.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-14 ta' Frar 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Svea
hovrätt — l-Isvezja) — Rebecka Jonsson vs Société du Journal L'Est Républicain**

(Kawża C-554/17) (1)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Proċedura Ewropea għal talbiet
żgħar — Regolament (KE) Nru 861/2007 — Artikolu 16 — 'Il-parti telliefa' — Spejjeż tal-kawża — Tqassim —
Artikolu 19 — Liġi proċedurali tal-Istati Membri)*

(2019/C 131/11)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Svea hovrätt

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Rebecka Jonsson